19.4.2010 0029/2010

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' twissija bikrija (EWS) kontra l-pedofili u dawk li jagħtu fastidju sesswali

**Tiziano Motti, Anna Zaborska**

Data ta' skadenza: 19.7.2010

**0029/2010**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' twissija bikrija (EWS) kontra l-pedofili u dawk li jagħtu fastidju sesswali**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2009 dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità elettronika COM(2007)0267,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi hemm il-ħtieġa li jinżamm livell għoli ta' demokrazija virtwali fl-Internet, mingħajr riskju għan-nisa u t-tfal;

B. billi, madankollu, abbuż mill-opportunitajiet ipprovduti permezz tat-teknoloġija jista' jiffaċilita atti ta' pornografija tat-tfal u reati sesswali;

C. billi l-Internet joffri l-libertà ta' azzjoni anki lill-pedofili u lil dawk li jagħtu fastidju sesswali, daqskemm liċ-ċittadini onesti, u jagħmilha diffiċli li jiġu ttraċċati mill-awtoritajiet pubbliċi;

1. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jaġixxu u jsegwu l-Komunikazzjoni COM(2007)0267;

2. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jimplimentaw id-Direttiva 2006/24/KE u jestenduha għall-magni tat-tiftix, sabiex jittieħdu passi malajr u b'mod effikaċi dwar il-pornografija tat-tfal u r-reati sesswali fl-Internet;

3. Jistieden lill-Istati Membri biex jikkoordinaw sistema Ewropea ta' twissija bikrija bejn l-awtoritajiet pubbliċi, bħal dik li hemm għas-sikurezza tal-ikel, bil-għan li jittieħdu passi kontra l-pedofilija u r-reati sesswali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.